**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 9 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 434/02 JB**

**The Catalogue Company Limited**

**vs**

**Tracy Burgess**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm765.45c (seba' mija hamsa w sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmu) u n-nota ta' riduzzjoni ghal Lm653.24 (sitt mija tlieta w hamsin lira Maltin erba' u ghoxrin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex thallas l-ammonti hekk dovuti minnha, u minkejja li hija gharfet li ghandha thallas

dawn l-ammonti stante li halset xi ammonti bilancjali, hija baqghet inadempjenti fil-hlas totali hawn fuq imsemmi.

Is-socjeta' attrici ghalhekk titlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' Lm765.45c (seba' mija hamsa w sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmu) kif ukoll ta' l-ispejjez gudizjarji tal-prezenti inkluz ta' l-ittra bonarja datata 31 ta' Jannar 2002 u l-interessi mid-data ta' kull invoice sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li l- konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil Dr Aaron Bugeja jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm765.45c (seba' mija hamsa w sittin lira Maltin hamsa u erbghin centezmu) u n-nota ta' riduzzjoni ghal Lm653.24 (sitt mija tlieta w hamsin lira Maltin erba' u ghoxrin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata, bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**

**Gudikatur**